MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2004

Ċitazzjoni Numru. 743/2003

Carmelo u Antonia konjugi Borg (kif korrett b'digriet tat-3 ta' Novembru 2003 bl-isem Antonio gie korrett ghal Antonia)
vs
Mary Ann Borg ghan-nom u in rapprezentanza ta' binha minuri Daniel Borg bhala eredi ta' missieru Joseph Borg li b'digriet tal-10 ta' Marzu 2004 Mary Ann Borg giet nominata kuratrici 'ad litem' ta' Daniel Borg

Il-Qorti,

**CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tal-atturi li biha ppremettew:

Illi permezz ta' kuntratt datat hamsa u ghoxrin (25) ta' April tas-sena elf disa' mija u disghin (1990) u pubblikat fl-atti tan-Nutar Dr. Marthese Felice (Dok CB1), Joseph Borg akkwista minghand Roger Laferla "l-arja minn tnax-il filata 'l fuq mil-livell tal-qatran li jinsab fit-triq gdida bla isem fi triq il-Hatab, Attard,… liema arja hija mberla bl-

ahdar fuq il-pjanta annessa mac-citazzjoni bhala Dokument A, inkluza l-arja fuq iz-zewg gallariji li jharsu fuq Triq il-Pitkali, u fuq il-gallarija li thares fuq it-triq gdida bla isem fi triq il-Hatab, Attard. Din l-arja ghandha l-kejla komplessiv ta' cirka elf seba' mija u hamsa u erbghin piedi kwadri (1745) ekwivalenti ghal mija u tnejn u sittin metru kwadru (162). Din l-arja tikkonfina mill-punent ma' triq gdida bla isem fi triq il-Hatab, Attard mill-lvant ma' proprjeta` tal-venditur minn nofsinhar ma' proprjeta` ta' Carmelo Micallef jew successuri tieghu, libera u franka, bid-drittijiet u l-gustijiet kollha taghha".

Illi Joseph Borg huwa iben l-atturi u huwa mejjet (Dok CB2).

Illi Joseph Borg miet intestat (Dok CB3 – CB4) u ghalhekk skond il-ligi l-eredi tieghu huwa ibnu l-konvenut.

Illi fuq l-imsemmi att ta' akkwist Joseph Borg kien deher bhala prestanome ta' l-atturi.

Illi fl-imsemmija arja l-atturi bnew id-dar matrimonjali taghhom li ggib l-isem Antonia House, Triq is-Sedqa, Attard.

L-atturi talbu lill-Qorti:

Tiddikjara li fuq il-kuntratt ta' akkwsit datat hamsa u ghoxrin (25) ta' April tas-sena elf disa' mija u disghin (1990) u pubblikat fl-atti tan-Nutar Dr. Marthese Felice (Dok CB1), Joseph Borg kien deher fl-interess esklussiv ta' l-atturi u ghalhekk l-istess arja flimkien mal-benefikati maghmula konsistenti fil-fond Antonia House, Triq is-Sedqa, Attard jappartjenu esklussivament lill-atturi.

Tinkariga nutar pubbliku sabiex jippubblika l-att relattiv f'data, hin u lok li jigu ffissati mill-Qorti, u kuraturi ghall-eventwali kontumaci.

Il-konvenuta giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokumenti prezentati mill-atturi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**PROVI:**
Rat illi b' digriet tal-10 ta' Marzu, 2004 Mary Ann Borg giet nominata bhala kuratrici ad litem ta' Daniel Borg.

Rat illi llum 11 ta' Marzu 2004 il-konvenuta nomine pprezentat nota li biha ammettiet it-talba attrici.

**KONKLUZJONIJIET:**
Ghalhekk fuq ammissjoni tal-konvenuta nomine, peress li fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fic-citazzjoni tidher gustifikata, tilqa' t-talba tal-atturi tiddikjara li fuq il-kuntratt ta' akkwsit datat hamsa u ghoxrin (25) ta' April tas-sena elf disa' mija u disghin (1990) u pubblikat fl-atti tan-Nutar Dr. Marthese Felice (Dok CB1), Joseph Borg kien deher fl-interess esklussiv ta' l-atturi u ghalhekk l-istess arja flimkien mal-benefikati maghmula konsistenti fil-fond Antonia House, Triq is-Sedqa, Attard jappartjenu esklussivament lill-atturi.

Tinkariga lil Dr. Marthese Felice sabiex tippubblika l-att relattiv fi zmien xahar mil-lum fl-edificcju tal-Qorti u tinnomina lil Dr. Pierre Lofaro LL.D. ghall-eventwali kontumacja.

Spejjez kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------